**26 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Grazio Mercieca LL.D., għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited

*versus*

Anthony Debono, bħala segretarju u direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited

**Bank - Kont Bankarju - Depożitu - Tpaċija - Kompensazzjoni - Kompensazzjoni Fakoltattiva - *Bank Mandate Forms* - Prattika Bankarja Rikonoxxuta - Dritt - Fonti ta'**

*Kawża għal kanonizzazzjoni ta' kreditu. L-aspett forsi l-aktar interessanti tas-sentenza jolqtu l-operazzjoni ta' kontijiet bankarji u t-tpaċija. Il-Qorti rriteniet illi l-Bank attur ma setax jipprattika tpaċija ta' kont ma' ieħor ta' enti separata u distinta. Il-Bank meta aċċetta depożitu kkostitwixxa debitur lejn dik l-enti u mhux lejn is-soċjetà konvenuta. Lanqas ma seħħet kompensazzjoni hekk imsejħa fakoltattiva.*

*Aspett ieħor interessanti huwa l-indikazzjoni impliċita tal-Qorti tal-kunċett ta' "prattika bankarja rikonoxxuta" bħala fonti ta' dritt.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine*, wara li ppremetta li b'erba' kuntratti, ilkoll ippubblikati min-Nutar Joseph Brincat, wieħed fil-31 ta' Marzu, 1976, l-ieħor fil-5 ta' Mejju, 1978, l-ieħor fis-27 ta' Marzu, 1981, u l-ieħor fit-22 ta' Mejju, 1981, u li kopji tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok. A, B, C, D rispettivament, l-attur *nomine* kkonċeda *overdraft facilities* lill-konvenut *nomine* bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija; premess li b'żewġ kuntratti oħra, wieħed ippubblikat min-Nutar Rosario Frendo Randon, fis-27 ta' Lulju, 1965 u l-ieħor ippubblikat min-Nutar Joseph Brincat fis-27 ta' Marzu, 1981, u li kopji tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok. E u Dok. F rispettivament, l-attur *nomine* kkonċeda *loan facilities* lill-konvenut *nomine* bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija; u premess li l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut *nomine* fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u sebgħin elf, ħames mija u tletin lira Maltija, tliet ċenteżmi u erba' milleżmi (Lm772,530,03,4), kwantu għal sitt mija u tmienja u disgħin elf, seba' mija u tnejn u tmenin lira Maltija, erba' u sebgħin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm698,782.74,4), bilanċ għad-debitu fl-*overdraft account* numru 01216 2049 tas-soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited mal-Bank of Valletta Limited, kwantu għal

sebgħin elf lira Maltija (Lm70,000.00,0), bilanċ għad-debitu fil-*loan account* numru 01 216 1298 (Dok. H), tas-soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited u kwantu għal tlett elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3,747.29,0), bilanċ għad-debitu fil-*loan account* numru 01 216 3509 (Dok. I), tas-soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited mal-Bank of Valletta Limited - salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Settembru, 1983 sad-data ta' l-effettiv pagament fuq it-tliet kontijiet; u premess illi s-soċjetà konvenuta ammettiet bil-miktub lill-awdituri tal-Bank li l-bilanċi fuq imsemmijin huma dovuti; u premess li l-attur *nomine* interpella lill-konvenut *nomine* permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 4 ta' Novembru, 1983 (Dok. J), sabiex iħallas id-dejn fuq imsemmi iżda dan baqa' inadempjenti; u premess li jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-istanti qed jannetti ma' dana l-att, *affidavit* immarkat Dok. K a tenur ta' l-istess artikolu;

L-istess attur *nomine* talab li għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti:

(1) Tgħaddi biex tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(2) Tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' seba' mija u tnejn u sebgħin elf, ħames mija u tletin lira Maltija, tliet ċenteżmi u erba' milleżmi (Lm772,530.03,4), kwantu għal sitt mija u tmienja u disgħin elf, seba' mija u tnejn u tmenin lira Maltija, erbgħa u sebgħin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm698.782,74,4), bilanċ għad-debitu fl-*overdraft account* numru 01 216 2049 tas-soċjetà

kummerċjali The Kursaal Company Limited mal-Bank of Valletta Limited, kwantu għal sebgħin elf lira Maltija (Lm70,000.00,0), bilanċ għad-debitu fil-*loan account* numru 01 216 1298 tas-soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited mal-Bank of Valletta Limited, u kwantu għal tlett elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija, u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3747.29,0), bilanċ għad-debitu fil-*loan account* numru 01 216 3509 ta' l-istess soċjetà kummerċjali The Kursaal Company Limited mal-Bank of Valletta Limited - salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Settembru, 1983 sad-data ta' l-effettiv pagament fuq it-tliet kontijiet;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Novembru, 1983 u l-imgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Settembru, 1983 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dokumenti A, B, C, D, E, F, G, H, I, J u K, esebiti mill-atturi *nomine* ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-30 ta' Mejju, 1984, f'liema seduta din il-Qorti, wara li semgħet lill-konvenut Anthony Debono bil-ġurament u wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri, b'digriet mogħti dakinhar stess, ammettiet lill-istess konvenut *nomine* li jikkontesta l-kawża u pprefiġġietlu terminu ta' għaxart (10) ijiem biex jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet skond il-liġi;

Rat li l-istess konvenut ikkontesta l-kawża bin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu (a fol. 57) li biha eċċepixxa testwalment hekk:

"Illi minħabba ċ-ċirkostanzi li fuqhom l-eċċipjent m'għandux kontroll, huwa f'dana l-istadju mhux ingrad li jagħti dettalji preċiżi dwar l-ammont pretiż mill-attur; però skond

kalkoli ta' l-eċċipjent, is-somma mitluba mill-attur *nomine* mhix korretta għax il-bilanċ dovut huwa ta' ċirka tliet mija u ħdax-il elf lira Maltija (Lm311,000.00,0), kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, permezz tal-kotba tal-Kummerċ u dokumenti oħra tas-soċjetà konvenuta li għalihom s'issa l-eċċipjent ma għandux aċċess; illi t-talba attriċi għandha tiġi ridotta għal dik is-somma li tirriżulta dovuta wara t-trattazzjoni tal-kawża - salvi eċċezzjonijiet oħra";

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li ressqu l-kontendenti kif ukoll is-sottomissjonijiet tagħhom li saru kemm bil-miktub u kemm ukoll fit-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tagħhom;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-Bank of Valletta Limited qegħdin jitolbu li jiġu kkanonizzati kredituri ta' The Kursaal Company Limited fis-somma ta' Lm772,530.00,0, dovuta kwantu għall-Lm698,782.77,4, bħala bilanċ għad-debitu fl-*overdraft account* nru. 01 216 2049, kwantu għal Lm70,000 bilanċ għad-debitu fil-*loan account* nru. 01 216 1298 u kwantu għal Lm3,747.29,0 bilanċ għad-debitu fil-*loan account* nru. 01 216 3009. L-attur *nomine* esebixxa bħala Dok. A, B, C u D, l-erba' kuntratti li bihom is-soċjetà konvenuta ngħatat il-fakolta "*to overdraw its account*" (apparti faċilitajiet bankarji oħra) sa massimu ta' Lm570,000.00,0. Dan il-massimu fil-fatt ġie ssuperat aktarx bi ftehim impliċitu tal-kontendenti peress li ħadd minnhom ma qajjem xejn fir-rigward. L-attur *nomine* esebixxa ukoll iż-żewġ kuntratti ta' self in kwistjoni bħala Dok. E u F, kif ukoll *statements* bankarji in sostenn tat-talba. Jirriżulta mill-kuntratti esebiti li l-Bank attur kien sa mill-bidunett finanzjatur ewlieni tas-soċjetà konvenuta u li dejjem żamm id-dritt li jkun infurmat

dettaljatament u b'poter ta' verifika dwar il-posizzjoni kummerċjali tas-soċjetà konvenuta. Saħansitra, fil-kuntratt ta' self, Dok. E, il-Bank attur ingħata d-dritt li "*two directors to sit on the Board of the Company and of the Dragonara Palace Hotel Company Limited shall be appointed by the Bank*" (ara fol. 29);

Ikkunsidrat:

Illi s-soċjetà konvenuta taqbel li fil-31 ta' Awissu, 1983, hija kellha bilanċi sfavorevoli mill-Bank attur (li jirrigwardaw din il-kawża), u ċjoè s-somma ta' Lm655,175.88,4, fl-*overdraft account* nru. 01 21 62049 (ara Dok. CSD - 2 a fol. 52); is-somma ta' Lm70,000, fil-*loan account* nru. 01 21 61298 (Dok. CSD.3 a fol. 54), kif ukoll is-somma ta' Lm3,747.29,0, fil-*loan account* l-ieħor imsemmi fiċ-ċitazzjoni (ara xhieda tal-konvenut a fol. 49D tal-proċess). Is-soċjetà konvenuta taqbel ukoll li mill-31 ta' Awissu, 1983 sa issa (il-konvenut kien qed jixhed fil-31 ta' Mejju, 1983), is-soċjetà konvenuta ma ddepositatx flus direttament f'dawn l-*accounts* mal-Bank (fol. 49D);

Illi s-soċjetà konvenuta, però nsistiet f'din il-kawża li llum m'għandhiex tagħti lill-Bank, is-somma komplessiva pretiża fiċ-ċitazzjoni, iżda biss is-somma ta' Lm306,863 (tliet mija u sitt elf, tmien mija u tlieta u sittin lira Maltija) u dan in vista ta' l-operat taż-żewġ *Management Committees* li ġew appuntati mid-Deputat Prim Ministru Anzjan, l-Onorevoli Dr. Carmelo Mifsud Bonnici. Ir-raġuni għaliex waqqfu dawn il-kumitati, il-komposizzjoni tagħhom, kif ukoll it-*terms of reference* li ingħatalhom jirriżultaw mill-*General Report* esebit bħala Dok. AD (a fol. 81), eżattament mill-1 u 2 paġna tiegħu. Irriżulta li dawn il-kumitati ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-Kursaal Company Limited, nhar it-Tlieta, 5 ta' Lulju, 1983, fit-8.15 a.m.;

Ikkunsidrat:

Illi, għalkemm il-Bank attur jidher li kien rappreżentat fuq dawn il-kumitati, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dawn il-kumitati kienu fil-fatt entijiet distinti u separati kemm mill-Bank attur u kemm mis-soċjetà konvenuta. Apparti dan il-kumment li jidher utili li jsir għall-fini ta' din il-kawża, din il-Qorti mhijiex sejra tidħol fid-diversi kwistjonijiet oħra li qanqal il-konvenut *nomine* f'din il-kawża dwar l-istess kumitati; l-aktar jekk ġewx validament kostitwiti u jekk humiex responsabbli ta' approprjazzjoni indebita tal-proprjetà tas-soċjetà konvenuta. Din il-Qorti jidhrilha li għandha - kif fil-fatt qegħda tagħmel - tħalli kompletament impreġudikata l-istess kwistjonijiet - b'dan li qiegħed jibqa' rriservat kull dritt spettanti lill-konvenut *nomine si et quatenus*, għaliex din il-Qorti ma tistax, fl-ambitu ta' din il-kawża, tinvestiga adegwatament u tidderimi l-istess kwistjonijiet. Dana jingħad prinċipalment peress li fl-ewwel lok, din il-Qorti f'din il-kawża hi neċessarjament ċirkoskritta mit-termini preċiżi taċ-ċitazzjoni ta' l-attur li ppromwova l-kawża. Jidher evidenti li l-imsemmija kwistjonijiet imqanqla mill-konvenut *nomine* huma ta' natura ferm aktar wiesgħa u għalhekk jeżulaw u jeċċedu mill-ambitu ristrett tal-materja devoluta lil din il-Qorti. Fit-tieni lok, hu fatt li l-partijiet intimament involuti fl-istess kwistjonijiet mhumiex parti f'din il-kawża u għalhekk ċertament ma tkunx ħaġa flokha li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuqhom meta f'dan il-ġudizzju jonqos il-leġittimu kontradittur;

Ikkunsidrat:

Illi s-soċjetà konvenuta waslet għas-somma msemmija ta' Lm306,863, somma li tirritjeni li llum għandha tħallas lill-Bank attur in konnessjoni mal-kontijiet bankarji in kwistjoni, billi mis-somma pretiża mill-attur fiċ-ċitazzjoni odjerna tippretendi

li għandhom isiru s-segwenti tliet deduzzjonijiet u ċjoè:

Tnaqqis tal-bilanċ għad-debitu li kien hemm fil-*loan accounts* numri 01 216 1298 u 01 216 3509 ċjoè s-somma ta' Lm70,000 u Lm3,747 rispettivament, peress li s-soċjetà konvenuta tqis li dawn il-bilanċi u l-interessi relattivi ġew estinti b'kompensazzjoni li avverrat ruħha *ipso iure* ma kreditu suffiċjenti li s-soċjetà kellha fil-kont numru 66 169 4866 fil-Branka ta' San Ġiljan tal-Bank attur;

Tnaqqis mill-*overdraft account* numru 01 216 2049 tas-somma ta' Lm43,602.66,0, liema somma tħallset mill-*Management Committee* fl-4 ta' Novembru, 1983;

Tnaqqis mill-istess *overdraft account* tas-somma ta' Lm348,317, somma rappreżentanti l-valur tal-*current assets* tas-soċjetà konvenuta fl-4 ta' Lulju, 1983, li hi tqis li ġew approprjati indebitament mill-Bank attur, flimkien ma' terzi persuni tramite l-*Management Committees*. Is-soċjetà konvenuta ssottomettiet li a tenur tal-liġi, il-Bank attur "huwa responsabbli *in solidum* versu l-kumpannija għad-danni hekk ikkaġunati lill-kumpannija". Rassunti l-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta, il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tikkunsidrahom f'aktar dettal waħda waħda;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel pretiża deduzzjoni;

Illi jirriżulta li l-Bank attur interpella lis-soċjetà konvenuta biex tħallas is-somma ta' Lm70,000 u Lm3,747, fl-imsemmijin *loan accounts* permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' Novembru, 1983, b'ittra uffiċjali oħra ddatata 11 ta' Novembru, 1983 (ara fol. 87), il-konvenut *nomine* rrisponda *inter alia* hekk:

"Is-soċjetà mittenti (tavżak li) għandha kreditu ta'

Lm106,045.00,0) mija u sitt elef u ħamsa u erbgħin lira fil-kont intestat Dragonara Palace Hotel Casino, numru 66 169 4866 mal-fergħa ta' San Ġiljan tal-Bank of Valletta Limited, u għalhekk il-mittenti *nomine* qed jinterpellak biex bi tpaċija skond il-liġi, inti titħallas il-bilanċ minnek mitlub u l-imgħaxijiet relattivi sal-lum mill-kreditu fuq imsemmi li għandha favur tagħha s-soċjetà mittenti biex b'hekk jiġi estint id-dejn dovut lill-istess Bank fuq il-*loan accounts*";

Irriżulta li f'dan il-kont numru 66 169 4866, verament kien hemm is-somma ta' Lm106,045 (ara dok. MA8 f'*sheet* nru. 5). Daqstant ieħor irriżulta li f'dan il-kont kienu jitpoġġew *assets* provenjenti mis-soċjetà konvenuta (ara xhieda ta' Renè Formosa a fol. 94 sa 96) fosthom is-somma ta' Lm105,210 valur ta' kreditu tas-soċjetà konvenuta li nġabru *during management committee's term of office* - kif hemm annotat fuq id-dok. AM a fol. 112 tal-proċess;

Però jirriżulta ukoll li dan il-kont numru 66 169 4866 la ġie miftuħ mis-soċjetà konvenuta, la ġie intestat f'isimha, u lanqas ma kien jitħaddem jew kien taħt il-kontroll tal-konvenut *nomine*. Invece, irriżulta li dan il-kont infetaħ meta l-*management committees* bdew joperaw skond waħda mit-*terms of reference* ta' l-inkarigu li ngħatalhom mill-Gvern u l-istess kont kien jitħaddem esklussivament mill-istess *management committees*. Irriżulta mill-*mandate form* a fol. 60 tal-proċess, li l-kont kien infetaħ appożitament minn kumitat ta' persuni *carrying on business under the name and style of Dragonara Palce Hotel, il-Casino*, u *inter alia* ġie stipulat li:

"*all instructions in connection with this account ... are in order if given by ... any one from Group A jointly with any one from Group B on behalf of the firm*";

Taħt *Group A* jidhru l-ismijiet u l-firem ta' tliet persuni denominati "*as representative of the Bank of Valletta Limited*" u taħt *Group B*, jidhru l-ismijiet u l-firem ta' tliet persuni oħra denominati "*as representatives of the Employers and General Workers Union*";

Illi hu opportun f'dan l-istadju li ssir riferenza għall-prinċipju fondamentali fil-kummerċ bankarju u ċjoè li l-kont bankarju jrid jiġi operat strettament skond il-*Bank mandate form* u li minkejja li l-Bank jista' juża l-flus depożitati miegħu kif irid hu però, huwa xorta jibqa' dejjem kif jingħad:

"*answerable for the amount deposited by the customer and is under an obligation to pay it on demand, or to pay it to third parties on the order of the customer*" (Smith and Keenam *English Law*, 7th Edition, paġna 452);

Issa, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju jwassal biex il-kompensazzjoni pretiża mill-konvenut *nomine*, fil-fehma tal-Qorti, fil-fatt qatt ma setgħet tavvera ruħha;

Infatti, tali kompensazzjoni ma ġratx *ipso jure*, skond l-artikolu 1239 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex meta nfetaħ il-kont ġew użati formalitajiet li juru biċ-ċar li kienet l-intenzjoni tal-partijiet involuti f'dak il-kuntratt li d-depożiti f'dak il-kont ma kellhomx jitqiesu li kienu jappartjenu lil The Kursaal Company Limited. Il-Bank attur ma aċċettax dawk id-depożiti mingħand din is-soċjetà konvenuta iżda invece, aċċettahom mingħand enti oħra separata u distinta bl-iskop li l-kont jiġi operat b'mod li jintlaħaq il-għan li għalih ġiet ifformata dik l-enti - f'liema enti l-Bank attur kien rappreżentat tramite tliet impjegati tiegħu. Issa, l-Bank attur, skond il-prattika bankarja rikonoxxuta, meta aċċetta d-depożiti b'dak il-mod, ikkostitwixxa ruħu debitur ta' dik l-enti u mhux tas-soċjetà konvenuta. Isegwi li l-obbligi

tiegħu bħala bankier li jirrifondi jew iħallas dawk il-flus hekk iddepożitati, kien dirett lejn dik l-enti u mhux lejn is-soċjetà konvenuta, strettament il-provenjenza pattwali ta' dawk id-depożiti, mil-lat purament bankarju kontrattwali ma kinitx interess lill-Bank attur. X'aktarx li s-soċjetà konvenuta kienet konxja ta' dak li kien qed jiġri u kienet dejjem libera li tieħu dawk il-miżuri skond il-liġi (li dawn m'hemmx għalfejn jiġu speċifikati) li jidhrilha neċessarji biex tipproteġi l-interessi tagħha fir-rigward. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, id-dejn li kellha s-soċjetà konvenuta ma setax jiġi kkompensat *ipso jure* bil-kreditu li kellu l-*management committee* fil-kont nru. 66 169 6866;

Illi l-kompensazzjoni hekk imsejħa fakoltattiva (ara Ricci, *Corso Teorico - Pratico di Diritto Civile*, Vol. VI, p. 397), ukoll jirriżulta li ma avveratx ruħha. Infatti, jirriżulta li l-Bank attur għamel offerta (kontenuta fid-Dok. AM4, a fol. 86), lis-soċjetà konvenuta biex issir tpaċija u rriżulta li din is-soċjetà, dak iż-żmien, irrifjutat li tagħti l-kunsens tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, li taqbel ma' l-argument espost fil-paragrafu 7 tan-nota ta' osservazzjonijiet responsiva ta' l-attur *nomine*, anke li kieku s-soċjetà konvenuta aċċettat dik il-proposta, xorta waħda ma kienx ikun hemm lok għall-kompensazzjoni la *ipso jure* u lanqas fakoltattiva, għaliex biex ikun hemm tali kompensazzjoni kien inoltre meħtieġ il-kunsens tal-*management committee*, skond il-*Bank mandate form*, a fol. 60 tal-proċess li l-Bank kien pjenament marbut li josserva;

Dan il-kumpens fil-fatt ma rriżultax li qatt ingħata u konsegwentment, il-Bank attur ma seta' qatt ipaċi s-somma ta' Lm73,747 u l-interessi relattivi, għall-imsemmija *loan accounts* mas-somma ekwivalenti li kienet akkreditata fil-kont numru 66 169 4866, kif ippretenda l-konvenut *nomine* fl-imsemmija ittra uffiċjali tiegħu ta' l-10 ta' Novembru, 1983;

Ikkunsidrat dwar it-tieni pretiża deduzzjoni:

Irriżulta sodisfaċentement li l-*management committee* approva, tajjeb jew ħażin, il-ħlas tas-somma ta' Lm43,602.66,0 li kellha tiġi akkreditata lill-*overdraft account* numru 01 216 2049 tas-soċjetà konvenuta. Il-Bank attur irċieva debitament istruzzjonijiet f'dan is-sens fl-4 ta' Novembru, 1983 (ara kopja tal-*Credit Advice* dok. MA2), u l-ħlas effettiv sar permezz ta' *cheque* nru. 466 235 li jġib l-istess data u li kopja tiegħu tinsab esebita bħala dok. MA1 a fol. 161. Dan l-akkreditu ġie rreġistrat fl-I*statements* Bankarji tas-soċjetà konvenuta fl-istess data u baqa' jidher sa l-4 ta' Mejju, 1984 (ara fol. 66 sa 70). F'din id-data l-Bank attur reġa' addebita l-kont tas-soċjetà konvenuta b'somma ekwivalenti li ġiet trasferita għal kont tal-*management committee* nru. 66 169 4866 (ara *credit advice,* Dok. MA2);

Ġie sottomess li dan sar għaliex il-*management committee* induna li kien ħallas dak l-ammont bi żball "għax ma kellu l-ebda obbligu li jeffettwa l-ħlas billi dak il-ħlas ma kienx dovut minnu". Jidher li din il-kwistjoni u ċjoè jekk dan il-ħlas sarx debitament jew bi żball qatt ma ġiet ventilata mis-soċjetà konvenuta *a tempo debito.* Minflok, jidher li l-Bank attur qabad u ddeċida l-kwistjoni hu billi għamel it-trasferiment tas-somma kif fuq intqal. Dan għamlu minn wara dahar is-soċjetà konvenuta, li rriżulta li saret taf b'dan l-operat tal-Bank attur fil-mori ta' din il-kawża;

Illi, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, indipendentement mill-fatt jekk il-ħlas da parti tal-*management committee* sarx debitament jew bi żball, liema kwistjoni qed titħallas impreġudikata, l-addebitu ta' Lm43,602 li sar mill-Bank attur fl-4 ta' Mejju, 1984, fl-*overdraft account* tas-soċjetà konvenuta sar skorrettement u kontra l-prattika bankarja rikonoxxuta. Fil-fehma tal-Qorti, il-Bank ma seta' qatt jagħmel

dak li għamel mingħajr ma qabel jottjeni l-kunsens tas-soċjetà konvenuta. Dana peress li l-Bank attur kien marbut li jonora l-liġi, l-użanzi bankarji u l-istruzzjonijiet tal-klijent u ċjoè tas-soċjetà konvenuta. Kif diġà ntqal, il-*management committee* huwa enti separata mis-soċjetà konvenuta u għalhekk ma kienx leċitu għall-bank li jidħol fil-meritu u jiddeċidi l-kwistjoni jekk il-pagament ta' l-4 ta' Novembru, 1983, kienx sar bi żball jew le u inoltre jaffettwa t-trasferiment ta' somma konsiderevoli bħal dik bi preġudizzju ċar tas-soċjetà konvenuta. X'aktarx li l-proċess jagħti indikazzjoni li l-Bank attur kien konxju li f'dan ir-rigward kien mexa arbitrarjament, għaliex ma ġiex sodifaċentement spjegat il-għala t-talba ta' l-attur ġiet marbuta mad-data tas-17 ta' Settembru, 1983, minflok mad-data aktar qrib il-preżentata taċ-ċitazzjoni tas-17 ta' April, 1984;

Illi għalhekk il-preġudizzjali ssollevata mis-soċjetà konvenuta fir-rigward tat-tnaqqis tas-somma ta' Lm43,602.66,0, tidher ġustifikata - salv kull dritt ieħor ta' l-attur *si et quatenus* fil-konfront tal-*management committee*;

Ikkunsidrat dwar it-tielet deduzzjoni pretiża mill-konvenut *nomine* ta' Lm348,317:

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, la darba l-Bank attur qiegħed jiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni ta' approprjazzjoni indebita u l-konsegwenti responsabbilità, jidher ovvju li l-kreditu pretiż mis-soċjetà konvenuta la hu ċert, la hu likwidu u lanqas esegwibbli f'dan l-istadju. Għalhekk il-kompensazzjoni pretiża mis-soċjetà konvenuta ma tistax issir hawn, skond id-disposizzjoni ċara ta' l-artikolu 1240 tal-Kodiċi Ċivili u kif intqal din il-Qorti qed tħalli mpreġudikata l-kwistjoni;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' seba' mija, tmienja u għoxrin elf, disa' mija u sebgħa u għoxrin lira Malijta, u sebgħa u tletin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm728,927.37,4) u jibqa' riservat espressament kull dritt ieħor spettanti lill-kontendenti kif imsemmi aktar qabel - *si et quatenus*;

L-ispejjeż ta' l-ewwel talba, ċjoè illi l-kawża tiġi ttrattata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 tal-Kap. 15 - li fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm lok li tintalab - jibqgħu a karigu ta' l-attur *nomine*; waqt li l-ispejjeż tat-tieni talba jibqgħu ssopportati kwantu għall-94.356% (erbgħa u disgħin punt tlieta, ħamsa, sitta fil-mija) mill-konvenut *nomine* u kwantu għar-rimanenti 5.644% mill-attur *nomine*.

---